**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 105/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Raymond Spiteri**

**Illum,5 ta' Settembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Raymond Spiteri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **646461M**, meta kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

- Nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) ikkommetta serq sempliċi għal ammont ta' mitejn Ewro (€200) għad-dannu ta' Mathieu Eduiord Marie Salomon;

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta'nhar l-4 ta' April,2024, fejn sabet lill-imputat qua appellant ħati tal-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal sentenza ta' priġunerija effettiva għal żmien xahar ( 1) u l-ħlas ta' mitejn Ewro (€200) fi żmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Raymond Spiteri preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' April,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni w ħtija skont il-liġi u, fil-każ li dina l-Qorti tikkonferma l-ħtija ta' l-appellant taħt dawn l-imputazzjonijiet kollha jew uħud minnhom, li tvarja l-piena nflitta liema piena ma tkunx piena karċerarja pero' piena alternattiva li hija aktar idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi l-appellant iħossu aggravat in kwantu jħoss illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-liġi kif ukoll tal-provi li tressqu quddiemha, u b'hekk interpona dan l-appell ai termini tal-Artikolu 413(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi I-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija waħda eċċessiva u mhux proporzjonata għall-għemil ta' l-appellant; Illi primarjament jidher ċar li l-istess imputat lanqas biss kien assistit matul il-proċeduri,

Illi jidher ċar mill-provi prodotti li l-imsemmi basket ġie rritornat lil kwerelant;

Illi għalhekk, l-appellant qiegħed jibbaża dan l-appell prinċipalment fuq il-piena li huwa ngħata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u cioe' piena ta' xahar (1) priġunerija effettiva;

Illi l-piena ta' xahar (1) priġunerija effettiva hija waħda esaġerata, b'mod partikolari meta wieħed iqis illi l-appellant irreġistra ammissjoni bikrija kif wkoll ta' l-kumpens lil kwerelant;

Illi fil-kawża **Il-Pulizija vs. Tarquin Vella** nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), din il-Qorti rriteniet illi l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett: (a) Retributtiv; (b)Preventiv; u (c) Riedukattiv jew Rijabilitattiv tal-piena.

> *"L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil- kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biza li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi, wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il- piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati nnifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l- pieni ma jiġux applikati birrigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi.*

*Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall- kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva. "*

Illi ġie umilment sottomess li f'dan il-każ il-piena nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Qorti pjuttost tiffoka fuq l-element retributtiv stante li tinjora il-fatt illi l-appellant kien, bl-għaġir tiegħu fil-konfront tal-Korp tal-Pulizija u l- ammissjoni bikrija, ġja beda mixi fit-triq ta' riedukazzjoni u/jew rijabilitazzjoni.

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003), intqal is-segwenti:

> *"Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r- responsabilita tad-deċiżjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l- ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat" [enfasi miżjuda]*

Illi l-appellant jissottometti illi dan l-appell sar sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha,

Illi fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar elfejn u disgħa (2009) ġie mistqarr is-segwenti: meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. Sintendi, kif diġa` ngħad, "*sentencing is an art rather than a science*" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita perfetta

fit- tqabbil tal- fatti ta' każ ma' iehor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor." [enfasi miżjuda]

Illi l-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Illi jiġi umilment sottomess li f'dan il-każ il-piena nflitta fuq l-appellant kienet ħarxa wisq għaliex l-Ewwel Qorti njorat il-fatt illi l-appellant ikkollabora mal-Pulizija mill-ewwel mument u, ulterjorment, illi l-appellant irreġistra ammissjoni bikrija. Tali għaġir da parti tal-appellant finalment ssarraf f'riżultat effettiv kemm għall-Korp tal-Pulizija u l- investigazzjonijiet ta' l-istess, kif ukoll għas-sistema ġudizzjarja u l-ispejjes relattivi. Nonostante, dan kollu ġie njorat meta ġiet imposta l-piena fuq l-appellant li fl-aħħar mill- aħħar ġie ttrattat bħal kwalunkwe akkużat ieħor.

Illi f'dan ir-rispett issir referenza għall-kawża **Il-Pulizija (Spt. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea** deċiża nhar is-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u tnax (2012) fejn ġie kkwotat dak mistqarr mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali għar-rigward ta' dak li għandu jwassal ġudikant għal ġudizzju tiegħu dwar il-piena [enfasi miżjuda]:

> "*Il-buon sens pero, jissuġġerixxi diversi ċirkostanzi u kriterji oħra, li għandhom jitqiegħdu fil-kfief tal-miżien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-soċjeta, l-ħsara riżultanti, jekk wieħed għamilx tajjeb għal dik il-ħsara, l-kooperazzjoni u l-għajnuna li wieħed ikun ta lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l- ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas- sospensjoni jew tan-*

> *nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba ħatja kif ukoll fuq is-soċjeta, jekk il-persuna misjuba ħatja hix perikoluża u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terġa` tikkommetti reat ieħor (simili jew ta' xorta oħra), u ħafna u ħafna ċirkostanzi oħra."*

Illi l-appellant umilment jissottometti li l-kriterji ta' kooperazzjoni, għajnuna li ngħatat lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni u l-ammissjoni bikrija ma ttieħdux in konsiderazzjoni u ma ngħatawx il-piż li kienu jistħoqqilhom fil-konfront tal-appellant. Għaldaqstant ma nstabx il-bilanċ ekwu neċessarju sabiex issir ġustizzja għal dak li seħħ, bir-riżultat li l-appellant ingħata piena aktar ħarxa minn dik li kellu effettivament jieħu. Bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett lejha, ċaħdet lill-appellant mill- benefiċċju li seta' jieħu bl-ammissjoni bikrija tiegħu, meta il-Qrati tagħna dejjem enfasizzaw li b'ammissjoni bikrija l-imputat jibbenifika b'riduzzjoni fil-piena mogħtija lilu. L-appellant umilment jistaqsi - Li kieku ma kienx hekk, allura x'vantaġġ ser ikollu imputat li jagħmel ammissjoni bikrija?

Illi skont l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta "...*il-Qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn għal reat tista' tordna li s- sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dal il-perjodu li jiġi speċifikat fl- ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il- ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija...*".

Illi ssir referenza għal każ fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Omissis, Joseph Abela** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) billi kkunsidrat is-segwenti: "Il-kawża fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Martin J. Camilleri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar, 1995 qalet, 'F*uq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax ħlief tgħaddi għall-kundanna tiegħu, almeno che ma jirriżultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kienetx l-intenzjoni tiegħu li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew fuq il- fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skont il-Liġi tikkundannah cioe ssibu ħati ta' reat.' L-ewwel Qorti għamlet propju dan u meta ġiet biex tikkunsidra l-piena rat il- fedina penali nadifa ta' l-appellant, ukoll ħadet in konsiderazzjoni illi rreġistraw ammissjoni fi stadju*

*bikri tal-proċedura u kien propju għalhekk illi l-ewwel Qorti deherilha illi piena karċerarja sospiża kienet tkun aktar idonja u hekk għamlet.*" [enfasi miżjuda]

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, issir referenza għal fatt illi l-kwerelant ħalla l- baskett tan-Nike fuq iċ-ċint tal-parapett fejn jirrisjedi u mar jixtri. Hekk kif tixhed PC2328 Lilian Attard, iċ-ċint li fuqu kien fuqu l-baskett huwa baxx u faċilment aċċessibbli mill-persuni li jkunu għaddejin mit-triq [enfasi miżjuda] L-ebda xhud jew evidenza oħra ma nġabet mill-prosekuzzjoni permezz ta' liema ġie kkonfermat illi l-appellant ra lill-kwerelant jitlaq l-affarijiet personali fuq iċ-ċint, jew li l-appellant b'xi mod seta jifhem li l-baskett tan-Nike kien tħalla hemm biss għal qosor ta' żmien. L-appellant fil-fatt stqarr illi ra l-baskett in kwistjoni fi triqtu lejn il-grocer u ġabru biss fi triqtu lura meta ra li l-baskett kien għadu fuq iċ-ċint li jagħti għal triq pubblika. Meta wieħed iqies dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex daqstant diffiċli jasal għal fehma li l-appellant seta' ħaseb li dak il-baskett kien ġie mgħormi bħala żibel, anke possibilment mill-lejl ta' qabel.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et** (Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) deċiża fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) ingħad:

> "*Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jagħmel din l-osservazzjoni:*
>
> *The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta.... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft.*

*"But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the following effect: If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty." [enfasi mizjuda]*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dennis Sghendo** deċiża fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) intqal:

*"Mill-banda l-oħra jiġi rilevat illi skont ġurisprudenza lokali jekk persuna ġenwinament temmen li l-oġġett li qed tieħu pussess tiegħu kien ġie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jiġi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq." [enfasi miżjuda]*

Illi nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) vs Keith Joseph Mallia, Mario Mallia**. Din l-Onorabbli Qorti għamlet is- segwenti referenza:

*"Sabiex Qorti tasal għal konklużżjoni li tali żball kien wieħed ġenwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-iżball kien wieħed raġjonevoli fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Danrof Vella (Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fit-18 ta' Mejju 2015) il-Qorti kkwotat lil ġurista* ***Antolisei:***

> *"....il-ġurista Antolisei jgħallem li: Le cose che erano gia di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite. Għalhekk biex jissussisti reat ta' serq irid jiġi pruvat l-element formali. Jekk persuna ġenwinament temmen li l-oġġett li qed tieħu pussess tiegħu kien ġie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jiġi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq." [enfasi miżjuda]*

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Lulju 2024.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis seduta tal-11 ta' Lulju 2024

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Illi l-uniku aggravju devolut għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi l-appellant dehrlu li l-piena li ingħata kienet waħda manifestament eċċessiva stante iċ-ċirkostanzi tal-każ. Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ha u jimmeritti ruhu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta'

l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.[1]

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** [3]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal*

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005
[2] Deciza nhar 13 ta' Novembru 2003
[3] Deciza nhar 24 ta' April 2003

> *dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi."*

Din il-Qorti għalhekk għaddiet biex tifli l-atti biex tara dak li irriżulta lill-ewwel Qorti.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PS408 M Schembri** nhar it-22 ta' April 2021 esebit fl-atti a fol. 3. Dan spjega li nhar id-9 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' 12:10 kien ġie infurmat li kien sar rapport ġewwa l-għassa tal-pulizija tan-Naxxar minn ċertu Mathieu Edouard Marie Salomon fejn irraporta li ftit tal-ħin qabel għal ħabta tat-8:30 a.m u d-9:00a.m kien ħalla basket iswed tad-ditta Nike li fih kellu l-affarijiet ta' l-għawm fuq iċ-ċint tar-residenza tiegħu ġewwa Triq ix-Xambekk, Naxxar u fejn għaddiet persuna maskili u ħaditlu l-imsemmi basket.

Is-sur Demanuele stqarr illi jikkalkula li l-affarijiet li insterqulu jammontaw għal madwar €200.

Minn aktar stħarriġ li sar mill-pulizija ġie elevat filmat tas-CCTV fejn deher raġel samrani liebes flok abjad u borża f'idu li kien għaddej bil-mixi, waqaf fejn l-imsemmi basket, qabdu f'idu dawru, ħadu u kompla mixi. Minn iktar investigazzjoni li saret ġie stabilit illi l-persuna li dehret fil-filmat kienet ċertu Raymond Spiteri li skond ir-rapport kienet il-persuna relatata. Nhar it-2 ta' April, 2021 l-appellant ġie mitkellem mill-ispettur Christabelle Chetcuti ġewwa l-għassa ta ' Birkirkara fil-presenza tiegħu f'dan ir-rigward fejn wara li ġie mogħti id-drittijiet legali tiegħu huwa irrinunzja għad-dritt li jkun assistit minn Avukat. Mistoqsi x'kien ġara dakinhar u cioe fid-9 ta' Marzu, 2021 meta deher fuq ic- CCTV footage jiehu l-imsemmi basket stqarr " *kont sejjer nixtri mingħand tal-grocer u rajt dan il-basket li kien fuq iċ-ċint, mort nixtri u jien u ġej lura dan il-basket kien għadu hemmhekk u qbadt u ħadtu'*. Hallih ġimgħa d-dar ra li kien fih flippers u goggles u peress li ma kellux bzonnhom remihom u żamm il-baskett.

L-appellant kien ha miegħu l-imsemmi basket iswed tal-għamla Nike u ingħata riċevuta tiegħu. Ikkopera bi sħih għal mistoqsijiet li sarulu u saħansitra qabel li jikkumpensa is-somma ta' mitt euro lil Salomon wara qbil li sar meta Salomon kien ġie kkuntattjat.

**PC 2328 xehed** ukoll permezz ta' affidavit esebit fl-atti a fol. 6. Ikkonferma li nhar id-9 ta' Marzu, 2021 għall-ħabta ta' 12:10 p.m waqt li kien xogħol l-għassa tal-pulizija tan-Naxxar irraporta ċertu Matthieu Marie Salomon fejn xtaq jagħmel rapport li ftit tal-ħin qabel fl-istess ġurnata għal ħabta ta' bejn it-8:30 a.m u d-9:00 a.m huwa ħalla basket iswed tad-ditta Nike li fih kellu affarijiet tal-għawm fuq iċ-ċint tar-residenza tiegħħ cioe 18 Falcon Hurst flat 2 Triq ix Xambekk, Naxxar fejn għaddiet persuna maskili u ħaditlu l-imsemmi basket.

Is-sur Salomon stqarr illi nhar id-9 ta' Marzu 2021 għal ħabta tat-8.30 kien ħalla basket iswed tan-Nike fuq iċ-ċint tal-parapett ta' fejn joqgħod u cioe 18 Falcon Hurst, Flat 2, Triq ix-Xambekk, Naxxar u mar jixtri mingħand tal-grocer. Meta mar lura għal ħabta tad-9:00a.m il-baskett ma kienx għadu hemmhekk. Iċċekja ic-CCTV tal-ġar u deher raħel għaddej bil-mixi u borża tal-hobż f'idu. Dan waqaf ħdejn il-parapett qabad il-basket ta' l-għawm, par flipflops tad-ditta 'Havana' ta' lewn abjad, par paddles li jiswew madwar €40 u tlett pari goggles tad-ditta Arena, wieħed trasparenti u tnejn suwed li jiswew €40 'l wieħed, żewġ *skin piece tights* ta' lewn griż li jiswew €15 kull wieħed, xugaman blu u flixkun tal-ilma vojt. Jikkalkula li l-valur tal-oġġetti li nsterqulu jammonta għal madwar €200. Huwa ġie mitlub sabiex jipprovdi riċevuti l-għassa.

Is-sir Soloman wera l-filmat lill-pulizija fuq il-mowbajl tiegħu fejn deher raġel samrani libes flok abjad u borża f'idu. Dan kien għaddej bil-mixi waqaf fejn l-imsemmi basket qabdu f'idu dawru, ħadu u telaq minn fuq il-post bil-mixi. Ġie mistoqsi għalfejn kien ħalla l-basket hemm, qal li kien ħallih hemm sakemm mar għand tal-grocer. Jgħid li l-persuna appellatta intgħarfet minn fuq ic- CCTV filmat li ġie elevat mill-fond numru 1 Falcon Hurst.

Rat l-okkorenza redatta minn PS 2328 Liam Attard nhar id-9 ta' Marzu, 2021 esebita fl-atti bħala dok A a fol. 16 tal-atti.

Rat il-filmat esebit a fol 24 u l-istills meħuda minnu.

**Mattew Edouard Marie Salomon** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2023 u kkonferma ir-rapport li kien għamel mal-pulizija kif raportat aktar il-fuq. Ikkonferma li l-valur tal-

oġġetti l-insterqulu kien ta €200. Jgħid li wara sena mill-akkażut il-pulizija kienu ċemplulu biex imur l-għassa u jiġbor il-basket tal-għamla Nike pero kien vojt. Huwa għaraf lill-appellant fl-awla bħala l-persuna li dehret fil-filmat tac- CCTV,

**Ikkunsidrat.**

Illi minn eżami tal-filmat jirriżulta li l-appellant li ġie identifikat mill-kwerelant seduta stante deher jiġbor il-basket tal-għamla Nike minn fuq ċ-ċint u telaq bih l-appellant stess wara li ġie mitkellem mill-pulizija kien irritorna l-baskett għalkemm vojt u dan fit-2 ta' April. 2021. Illi l-appellant fl-ebda ħin ma jinnega dak li ġie allegat fil-konfront tiegħu u ċioe li kien hu li seraq il-basket tant li irritornah lill-pulizija. Dwar il-valur tal-oġġetti misruqa l-Qorti hija rinfaċċjata biss bil-kelma tal-kwerelant. Ma ġew esebiti l-ebda riċevuti jew stimi approssimittivi tal-oġġetti li ġew misruqa.

Bħala aggravju l-appellant jistqarr li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi konsiderando il-valur tal-oġġetti li ġew misruqa, l-fatt li l-basket ġie ritornat lil sidu leġittimu u l-ko operazzjoni tal-appellant mal-pulizija.

Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tbiddel il-piena li tkun errogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the*

*Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case.*

*Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-

Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-ewwel istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Kif stqarr l-appellant stess fi-rikors tal-appell tiegħu dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il- piena. Sintendi, kif diġa` ngħad, "sentencing is an art rather than a science" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita`*

*perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda li ingħatat f'dan il-każ, il-fatt li l-appellant irritorna l-basket li kien seraq, rat l-fedina penali tar-rikorrenti /appellanti li hija waħda reflettarja b'ħafna *convictions* reġistrati fuqha u li bdew mis-sena 1979 u baqgħu għaddejjin sas-sena 2016 b'mod konsistenti fejn ingħata pieni ta' ħlas ta' multi u ammenda. Jidher li r-reati li tagħhom instab ħati kienu fil-parti l'kbira jikkonċernaw ksur ta' regolamenti tat-traffiku. Rat li sal-ġurnata ta' illum għadu ma ingħata l -ebda sentenza ta' priġunerija la effettiva u lanqas sospiża. Rat li l-valur tas-serqa hija *de minimis* u cioe l-ammont ta' €200 u għalhekk fiċ-ċirkostanzi hija tal-fehma li għandha tilqa' l-appell billi tikkonferma is-sentenza mogħtija fil-mertu u timmodifika l-piena inflitta mill-ewwel Qorti billi għalkemm tħalli l-istess piena ta' xahar priġunerija pero ai fini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta qeda tissospendi l-operat tagħha għal perijodu ta' tlett snin mill-illum.

Qeda tordna lill-appellant iħallas lill-kwerelant is-somma ta' mitejn euro (€200) kumpens tad-danni sofferti minnu u dan fi żmien sitt xhur mill-illum ai termini tal-artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**